MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 263/2005

Bank of Valletta p.l.c.(C 2833)
Vs
Kevin Grech

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni li biha il-Bank attur wara li ippremetta:-

Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt datat 28 ta' Dicembru, 2000 fl-atti tan-Nutar Dottor Bartolomeo Micalef (Dok "A"). is-socjeta attrici ikkoncediet facilita' ta' Loan lill-konvenut Kevin Grech;

Illi is-socjeta attrici tinsab kreditrici tal-konvenut Kevin Grech fis-somma ta' disgha u ghoxrin elf, sitt mija u wiehed u sittin Lira Maltin, u tnejn u hamsin centezmu (Lm29,661.52) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Kevin Grechmal-Bank of Valletta p.o.c. (Dok "B" uDok "C")

flimkien ma l-imghax ulterjuri mill-4 ta’ Marzu, 2005 sad-data tal-effettiv pagament;

Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fid-okument ittra “A” annes ma l-imsemmi kuntratt datat 28 ta’Dicembru, 2000 in atti Nutar Dottor Bartolomeo Micallef fuq imsemmi ( uhawn esebit bhala Dokument “A”) partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenut Kevin Grech (a) naqas milli jhallas l-pagament dovut lis-socjeta mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, u(b) kien inadempjenti f’obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew (c)hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess konvenut Kevin Grech li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita tal-hlas lura tal-imsemmi debitudovut lis-socjeta attrici u b;’hekk il-konvenut jiddekadi mill-beneficcjutat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f’daqqa.

Illi l-konvenut gie interpellat permezz ta’ ittra ufficcjali datata l9 ta’ Novembru, 2003 li kopja taghha qed tigi hawn esebita ummarkata Dok “D”, sabiex ihallas d-dejn fuq imsemmi, izda dan baqa inadempjenti;

Talab lill-konvenut jghid ghaliex m’ghandiex din il-Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija:-

1) tiddikkjara u tiddeciedi illi wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fid-okument ittra “A” annes ma l-imsemmi kuntratt datat 28 ta’Dicembru, 2000 in atti Nutar Dottor Bartolomeo Micallef fuq imsemmi ( uhawn esebit bhala Dokument “A”) partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenut Kevin Grech (a) naqas milli jhallas l-pagament dovut lis-socjeta mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, u(b) kien inadempjenti f’obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew (c)hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess konvenut Kevin Grech li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta attrici;

2) Tikkundanna lil-Kevin Grech ihallas lis-socjeta attrici is-somma ta’ disgha u ghoxrin elf, sitt mija u wiehed

u sittin Lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm29,661.52) bilanc ghad-debitu fil-“Loan Accounts” ta’ Kevin Grech mal-Bank of-Valletta p.lo.c. (Dok “B” u Dok “C”) flimkien ma l-imghax ulterjuri mill-4 ta’ Marzu, 2005 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficcjali datata 19 ta; Novembru, 2003 mibghuta lill-konvenut kif wkoll tal-Mandat ta’ Sekwestru u ta’ Qbid li  qed jigu pprezentati kontestwalemnt kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ;tal-konvenut li  biha ammetta it-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenut, it-talbiet dedotti fic-citazzjoni jirrizultaw pruvati;

Fuq ammissjoni tal-konvenut tiddeciedi billi tilqa it-talbiet tas-socjeta attrici kif dedotti fic-citazzjoni bl-imghaxijiet legali kif mitluba u bl-ispejjes kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------